TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/109/11/S

Karen u Patrick Micallef
Vs
Tiara Co.Ltd.

Illum 8 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Karen u Patrick Micallef datata 21 ta'Frar,2011 u r-risposta tas-socjeta Tiara Co.Ltd. ipprezentata fil-21 ta'Ottubru,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fil-11 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda sitt bibien tal-kewba ordnati mill-atturi f'Mejju,2009 pero meta l-bibien gew ikkonsenjati mis-socjeta konvenuta, dawn kellhom numru ta' difetti skont l-atturi;

Illi jinghad mal-ewwel li mhuwiex accettabbli li oggetti kkonsenjati, jittiehdu lura sena wara biex isiru r-riparazzjonijiet necessarji u sal-llum dawn jibqghu fil-pussess tas-socjeta konvenuta;

Illi anki s-socjeta konvenuta donnha accettat fir-risposta taghha li kien hemm difetti fil-kwalita ta' dawn il-bibien;

Illi jinghad mal-ewwel li l-ilment sar mal-ewwel mill-atturi hekk kif gew ikkonsenjati l-bibien u gie allegat li kien hemm nuqqas ta' konformita skont il-ligi;

Illi l-prova ta' konformita saret mill-atturi u ghalkemm is-socjeta konvenuta hadet il-bibien biex jitrangaw, dawn ghadhom fil-pussess taghha, iktar minn sentejn wara li saret il-kunsinna;

Illi dan id-dewmien daparti tas-socjeta konvenuta mhuwiex accettabbli u min-naha taghha s-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova 'il ghala sehh dan id-dewmien kollu;

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Illi l-artikolu 74(1) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta jistipula li l-kummercjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju lill-konsumatur ghal kull nuqqas ta' konformità fl-oggetti, liema nuqqas ta'konformita kienet tezisti meta l-oggetti gew konsenjati mill-kummercjant lill-konsumatur. Dan l-artikolu ighid ukoll li ghandu jkun il-konsumatur li jiddeciedi x'rimedju ghandu jitlob;

Illi fil-kaz odjern l-atturi qed jitolbu l-hlas lura tal-flus imhallsa u konsegwentement ir-rexissjoni tal-ftehim ta' bejniethom u s-socjeta konvenuta;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-provi prodotti mill-atturi, it-Tribunal ihoss li tali talba mhijiex spoporzjonata u s-socjeta konvenuta kellha kull cans tirranga l-bibien in kwistjoni;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Karen u Patrick Micallef u Jichad l-eccezzjoni tas-socjeta Tiara Co.Ltd. b'dan li s-socjeta konvenuta ghandha thallas lura lill-atturi s-somma ta' €2885 gja mhallsa mill-istess atturi, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Tiara Co.Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888